

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 26



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

26 ta' Jannar 2017

Werrej

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 26/01	Rata tal-kambju tal-euro	1
2017/C 26/02	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ppubblikata skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 fil-Każ AT.40153 — E-book MFNs u kwistjonijiet relatati	2
2017/C 26/03	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (Pubblikazzjoni ta' titli u ta' referenzi ta' speċifikazzjonijiet Komunitarji skont ir-Regolament) ⁽¹⁾	5

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2017/C 26/04	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità — Sejħa għall-offerti rigward l-operat ta' servizzi tat-trasport bl-ajru skedati għall-merkanzija u għall-posta, skont l-obbligi tas-servizz pubbliku ⁽¹⁾	6
--------------	---	---

INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

Awtorità ta' Sorveljanza EFTA

2017/C 26/05	L-ebda għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE	7
--------------	--	---

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

V Awżi

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 26/06	Sejħa għal proposti — EACEA 04/2017 taħt il-programm Erasmus+ — KA 2 — Kooperazzjoni għall-Innovazzjoni u l-Iskambju ta' Prattiki Tajbin — L-Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali	8
--------------	---	---

PROĊEDURI TAL-QORTI

Qorti tal-EFTA

2017/C 26/07	Talba għal Opinjoni Konsultattiva mill-Qorti tal-EFTA minn Norges Høyesterett ddatata d-19 ta' Frar 2016 fil-Kawża ta' SKI Taxi SA, Follo Taxi SA og Ski Follo Taxidrift AS vs staten v/Konkurransetilsynet (Kawża E-3/16)	16
2017/C 26/08	Talba għal Opinjoni Konsultattiva mill-Qorti tal-EFTA mill-Bord tal-Appell Norveġiż għal Drittijiet tal-Proprietà Industrijali tat-22 ta' Marzu 2016 fil-każ ta' appell mill-Muniċipalità ta' Oslo (Il-Kawża E-5/16)	17

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 26/09	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8347 — EQT Fund Management/Getec Energie Holding/Getec Target Companies) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	18
--------------	--	----

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

Il-25 ta' Jannar 2017

(2017/C 26/01)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,0743	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4070
JPY	Yen Ġappuniż	121,79	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,3343
DKK	Krona Daniża	7,4366	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,4789
GBP	Lira Sterlina	0,85323	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5238
SEK	Krona Żvediża	9,4833	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 251,45
CHF	Frank Żvizzeru	1,0732	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	14,2587
ISK	Krona İzlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,3935
NOK	Krona Norveġiża	8,9453	HRK	Kuna Kroata	7,4978
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	14 319,89
CZK	Krona Ċeka	27,022	MYR	Ringgit Malażjan	4,7608
HUF	Forint Ungeriż	309,72	PHP	Peso Filippin	53,326
PLN	Zloty Pollakk	4,3641	RUB	Rouble Russu	63,6282
RON	Leu Rumen	4,4986	THB	Baht Tajlandiż	37,848
TRY	Lira Turka	4,1082	BRL	Real Brażiljan	3,4057
AUD	Dollaru Awstraljan	1,4213	MXN	Peso Messikan	23,0674
			INR	Rupi Indjan	73,1385

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ppubblikata skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 fil-Każ AT.40153 — E-book MFNs u kwistjonijiet relatati

(2017/C 26/02)

1. INTRODUZZJONI

- (1) Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat⁽¹⁾, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi – f'dawk il-każijiet fejn ikollha l-intenzjoni li tadotta deċiżjoni li tobbliha li ksur jinġieb fi tmiemu l-partijiet ikkonċernati joffru li jidħlu għal irbit li jkun jissodisfa t-tħassib indikat lilhom mill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni preliminari tagħha – li dak l-irbit isir vinkolanti fuq l-impriżi. Deċiżjoni bħal din tista' tiġi adottata għal perjodu speċifiku u tikkonkludi li ma hemmx aktar raġunijiet għal azzjoni mill-Kummissjoni.
- (2) Skont l-Artikolu 27(4) tal-istess Regolament, il-Kummissjoni għandha tippubblika sommarju konċiż tal-każ u l-kontenut prinċipali tal-impenji. Il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw l-kummenti tagħhom sal-limitu taż-żmien stabbilit mill-Kummissjoni.

2. SOMMARJU TAL-KAŻ

- (3) Fid-9 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni adottat valutazzjoni preliminari fis-sens tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, dwar ksur allegat minn Amazon.com, Inc., u l-impriżi relatati magħha, fosthom Amazon EU S.à.r.l., Amazon Media EU S.à.r.l. u Amazon Digital Services Inc. (minn hawn 'il quddiem imsejħa kollettivament "Amazon") f'dak li għandu x'jaqşam mad-distribuzzjoni bl-imnut ta' e-books lil konsumaturi fiż-ŻEE.
- (4) Skont il-valutazzjoni preliminari, Amazon tista' tkun dominanti fis-swieq rilevanti għad-distribuzzjoni bl-imnut fil-livell ta' e-books bil-lingwa Ingliża u Ġermaniża lil konsumaturi fiż-ŻEE. Il-valutazzjoni preliminari esprimiet it-tħassib tal-Kummissjoni li Amazon setgħet abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha bi ksur tal-Artikolu 102 tat-Trattat u l-Artikolu 54 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE billi tirrikjedi li Fornituri tal-e-books⁽²⁾ (i) biex jinnotifikaw lil Amazon b'termini u kundizzjonijiet alternattivi jew aktar favorevoli u kundizzjonijiet li joffru bnadi oħra u / jew (ii) biex jagħmlu disponibbli għal Amazon termini u kundizzjonijiet li, direttament jew indirettament jiddependu fuq it-termini u l-kundizzjonijiet offruti Bejjiegħ bl-Imnut ieħor tal-e-books⁽³⁾ (minn hawn 'il quddiem kollettivament imsejħa "il-Klawżoli tal-Parità"). It-tħassib preliminari tal-Kummissjoni jiffoka fuq il-Klawżoli tal-Parità li ġejjin:
- (5) Klawżoli li jirrikjedu l-Fornituri ta' e-books biex jinnotifikaw u joffru lil Amazon it-termini għat-tqassim ta' e-books skont il-mudell tan-negozju partikolari bħala riżultat tad-distribuzzjoni ta' e-books mill-Fornitur ta' e-books skont dan il-mudell tan-negozju permezz ta' kwalunkwe Bejjiegħ bl-Imnut tal-e-books apparti Amazon ("Parità tal-Mudell tan-Negozju").
- (6) Klawżoli li jitolbu Fornitur tal-e-books li jqiegħed għad-dispożizzjoni ta' Amazon (i) e-book partikolari f'territorju partikolari u / jew f'data u ħin partikolari bħala bħala riżultat tad-distribuzzjoni ta' dan l-e-book lil kwalunkwe Bejjiegħa bl-Imnut tal-e-books għajr Amazon ("Parità tal-Għażla") u / jew (ii) kull karatteristika, funzjonalità, regola tal-użu, element jew kontenut għal e-book wieħed jew aktar bħala riżultat tal-fatt li l-Fornitur tal-e-books jagħmel dik il-karatteristika, il-funzjonalità, ir-regola tal-użu, element jew il-kontenut disponibbli għal dak l-e-book permezz ta' Bejjiegħa bl-Imnut tal-e-books għajr Amazon ("Parità tal-Karatteristiċi").

⁽¹⁾ ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1. B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE saru l-Artikoli 101 u 102 TFUE rispettivament. Iż-żewġ settijiet ta' dispożizzjonijiet huma essenzjalment identiċi. Għall-finijiet ta' din in-notifika, jinħtieġ li r-referenzi għall-Artikoli 101 u 102 TFUE jinftehm bħala referenzi għall-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE fejn dan ikun applikabbli.

⁽²⁾ It-terminoloġija "Fornitur ta' e-books" tintuża biex tinkludi l-entitajiet kollha li jkollhom id-drittijiet neċessarji li jilliċenzjaw l-e-books lil bejjiegħa bl-imnut tal-e-books jew li jbiegħu l-e-books direttament lill-konsumaturi. Bħala tali, "Fornituri ta' e-books" tinkludi pubblikaturi ta' e-books u ċerti intermedjarji (pereżempju, bejjiegħa bl-ingrossa jew aggregaturi).

⁽³⁾ It-terminoloġija "Bejjiegħa bl-Imnut tal-e-books", għall-finijiet ta' dan id-dokument, tinkludi kull persuna jew entità li legalment tbigħ (jew tfittex li legalment tbigħ) e-books lil konsumaturi f'pajjiż wieħed jew aktar fiż-ŻEE, jew li permezz tagħhom Fornitur tal-e-books, permezz ta' ftehim ta' aġenzija, ibigħ e-books lil konsumaturi f'pajjiż wieħed jew aktar fiż-ŻEE. Fornitur tal-e-books huwa Bejjiegħ bl-Imnut tal-e-books sal-punt li Fornitur tal-e-books ibigħ l-e-books direttament lill-konsumaturi jew ibigħ l-e-books permezz ta' aġent permezz ta' ftehim ta' aġenzija.

- (7) Klawżoli (i) li jirrikjedu Fornitur tal-e-books li jistabbilixxu prezz tal-aġenzija għal Amazon li jiddependi b'xi mod fuq il-prezz tal-aġenzija stabbilit mill-Fornitur tal-e-books (jew iċċarġjat mill-Bejjiegħ bl-Imnut tal-e-books) fuq xi Bejjiegħ bl-Imnut tal-e-books għajr Amazon, jew fuq il-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid li jintalab lill-konsumaturi minn Bejjiegħa bl-Imnut tal-e-books għajr Amazon ("Parità tal-Prezz tal-Aġenzija") u / jew (ii) li jobligaw lill-Fornitur tal-e-books li joffri lil Amazon xi prezz promozzjonali bl-ingrossa, tal-aġenzija jew kontenut promozzjonali b'riżultat tal-fatt li Fornitur tal-e-books joffri prezz promozzjonali bl-ingrossa, tal-aġenzija jew kontenut promozzjonali permezz ta' Bejjiegħ bl-Imnut tal-e-books għajr Amazon ("Parità tal-Promozzjoni") u / jew (iii) jipprevedi "riżerva" ta' krediti li Amazon tista' tuża għad-diskrezzjoni tagħha biex tagħti roħs fuq il-prezzijiet tal-aġenzija għal kwalunkwe e-book fornut minn dak il-Fornitur ta' e-books fuq Amazon. L-aggregazzjoni hija kkalkulata abbażi tad-differenzi bejn il-prezzijiet tal-aġenzija stabbiliti mill-Fornitur ta' e-books għall-e-books tiegħu fuq Amazon u l-prezzijiet tal-aġenzija jew prezzijiet ta' rivenditur għal dawk l-e-books disponibbli permezz tal-Bejjiegħa bl-Imnut oħra ta' e-books. Id-dħul lill-Fornitur tal-e-books u l-kummissjonijiet lil Amazon huma kkalkulati fuq il-bażi ta' prezz tal-aġenzija skontat ("Dispożizzjonijiet ta' Riżerva ta' Skonti").
- (8) Klawżoli li jitolbu lill-Fornituri tal-e-books li jagħtu lil Amazon prezz bl-ingrossa li jiddependi b'xi mod fuq il-prezzijiet bl-ingrossa jew il-prezz tal-aġenzija li Fornitur ta' e-book jipprovdi lil kwalunkwe Bejjiegħ bl-Imnut tal-e-books għajr Amazon, jew il-prezz tal-bejjiegħ mill-ġdid mitlub lill-konsumaturi minn kwalunkwe Bejjiegħ bl-Imnut tal-e-books għajr Amazon ("Parità ta' Prezz bl-Ingrossa").
- (9) Klawżoli li jitolbu lill-Fornituri tal-e-books li jinnotifikaw lil Amazon jekk jagħmlu disponibbli diversi mudelli ta' negozju alternattivi, e-books, dati tad-disponibbiltà, karatteristiċi, promozzjonijiet jew prezzijiet irħas għall-bejgħ bl-ingrossa u prezzijiet irħas tal-aġenzija lil Bejjiegħa bl-Imnut tal-e-books għajr Amazon ("Dispożjonijiet ta' Notifika Ġenerali").
- (10) Fil-valutazzjoni preliminari, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-Mudell tal-Parità tan-Negozju u d-Dispożizzjonijiet ta' Notifika rispettivi jistgħu (i) jnaqqsu l-inċentivi tal-Fornituri tal-e-books biex jappoġġaw u jinvestu f'mudelli ta' negozju ġodda u innovattivi alternattivi, (ii) inaqqsu l-abbiltà tal-kompetituri ta' Amazon u l-inċentivi tagħhom biex jiżviluppaw u jiddifferenzjaw l-offerti tagħhom permezz ta' tali mudelli ta' negozju, (iii) jiskoraġġixxu d-dħul fis-suq u / jew l-espansjoni tal-Bejjiegħa bl-Imnut tal-e-books, u b'hekk jistgħu jkunu qed idgħajfu l-kompetizzjoni fil-livell tad-distribuzzjoni tal-e-books u t-tisħiħ tal-pożizzjoni diġà dominanti ta' Amazon.
- (11) Barra minn hekk, il-Parità tal-Għażla u l-Karatteristika tal-Parità tista' tkun kapaċi li (i) tnaqqas tal-inċentivi tal-Fornituri tal-e-books u l-Bejjiegħa bl-Imnut tal-e-books biex jiżviluppaw e-books li mhumx prinċipalment test u jżommu d-differenzjazzjoni tal-Bejjiegħa bl-Imnut tal-e-books, u b'hekk potenzjalment idgħajfu l-kompetizzjoni fil-livell tad-distribuzzjoni tal-e-books, (ii), idgħajfu u jiskoraġġixxu l-kompetizzjoni u / jew l-espansjoni tal-Bejjiegħa bl-Imnut tal-e-books billi jillimitaw l-iskop għal offerti differenzjati minn Bejjiegħa bl-Imnut tal-e-books, li jistgħu jirriżultaw fi prezzijiet ogħla u inqas għażla għall-konsumaturi.
- (12) Barra minn hekk, il-Parità tal-Prezz tal-Aġenzij, il-Parità tal-Promozzjoni, id-Dispożizzjonijiet dwar ir-Riżerva ta' Skont, u d-Dispożizzjonijiet ta' Notifika rispettivi (flimkien mal-aġir ta' Amazon immirat lejn il-kisba ta' parità tal-prezzijiet bl-imnut) tista' tkun kapaċi li (i) tiskoraġġixxi d-dħul jew l-espansjoni tal-Bejjiegħa bl-Imnut tal-e-books, u b'hekk issaħħaħ il-pożizzjoni potenzjalment dominanti ta' Amazon (ii) tippermetti lil Amazon biex titnaqqas il-kompetizzjoni bejn Bejjiegħa bl-Imnut tal-e-books u b'hekk tikseb livelli ogħla ta' kummissjoni minn Fornituri tal-e-books, li fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jwasslu għal żieda fil-prezzijiet bl-imnut tal-e-books.
- (13) Fl-aħħar nett, il-Parità tal-Prezz bl-Ingrossa (i) jista' jkun ta' tfixkil għall-Bejjiegħa bl-Imnut tal-e-books milli jidhru u jespandu fis-swieq rilevanti billi joffru prezzijiet aktar baxxi bl-imnut tal-e-books lill-konsumaturi għajr Amazon u (ii) jistgħu jsaħħu l-effetti potenzjali tal-Parità tal-Għażla billi jiżguraw li Amazon ikollha aċċess għall-e-books fl-aħjar termini bl-ingrossa fil-każ li Fornituri tal-e-books jippreferu ma joffru e-book partikolari lil Amazon.
- (14) Il-valutazzjoni preliminari esprimiet it-tħassib tal-Kummissjoni li l-Klawżoli kollha tal-Parità deskritti hawn fuq jir-rappreżentaw, fihom infushom, abbuż potenzjali tal-pożizzjoni dominanti ta' Amazon fis-swieq rilevanti fiż-ŻEE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni b'mod preliminari tqis li l-kombinazzjoni tal-Klawżoli differenti Relatati mal-Prezzijiet (jiġifieri, l-Parità tal-Prezz tal-Aġenzija, id-Dispożizzjonijiet tar-Riżerva ta' Skont, il-Parità tal-Promozzjoni, il-Parità tal-Prezz tal-Beygħ bl-Ingrossa, u l-Parità tal-Kummissjoni tal-Aġenzija (')), Klawżoli ta' Parità mhux Relatati mal-Prezz (jiġifieri, Parità tal-Mudell tan-Negozju, Parità tal-Għażla u Karatteristiċi) u d-Dispożizzjonijiet ta' Notifika x'aktarx li se jirrinforza l-effetti antikompetittivi ta' Klawżoli għall-Parità individwali.

(¹) Il-Parità tal-Kummissjoni tal-Aġenzija hija klawżola li tirrikjedi Fornitur tal-e-books li jipprovdi lil Amazon kummissjoni tal-aġenzija li tiddependi b'xi mod fuq il-kummissjoni tal-aġenzija li l-Fornitur tal-e-books jipprovdi lil xi Bejjiegħ bl-Imnut tal-e-books għajr Amazon permezz ta' tehim tal-aġenzija.

3. IL-KONTENUT PRINĊIPALI TAL-IMPENJI OFFRUTI

- (15) Amazon ma taqbilx mal-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni. Madankollu, offriet li tieħu impenji skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, biex tindirizza t-tħassib tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni. L-elementi prinċipali tal-impenji huma kif ġej:
- (a) Amazon mhux se tinforza jew b'xi mod ieħor tiddependi fuq Parità tal-Mudell tan-Negożju, Parità tal-Kummissjoni tal-Aġenzija, Parità tal-Prezz tal-Aġenzija, Parità tal-Karatteristiċi, Parità tal-Promozzjoni, Parità tal-Għażla, Parità tal-Prezz bl-Ingrossa jew Dispożizzjonijiet tan-Notifika li jinsabu fi ftehimiet bejn Amazon u Fornituri tal-e-books għall-bejgħ ta' e-books lil konsumaturi fiż-ŻEE. Amazon se tavża wkoll lil kull wieħed minn dawn il-Fornituri tal-e-books li mhux se tkompli tinforza d-dispożizzjonijiet ta' dan it-tip.
 - (b) Amazon toffri lil kull Fornitur tal-e-books li l-ftehim għall-bejgħ ta' e-books lil konsumaturi fiż-ŻEE fih Dispożizzjoni ta' Skont ta' Riżerva attwalment fis-seħħ l-opportunità li jittermina l-ftehim għal kwalunkwe raġuni wara avviż bil-miktub 120 jum bil-quddiem.
 - (c) Amazon mhux se tinkludi f'xi ftehim ġdid tal-e-books ma' xi Fornitur tal-e-books xi Klawżola ta' Parità relatata mal-Prezz, xi Klawżola ta' Parità Mhux Relatata mal-Prezz jew Dispożizzjoni ta' Notifika.
 - (d) It-tul ta' żmien ta' dawn l-impenji se jkun ta' ħames snin mid-data li fiha Amazon tirċievi notifika formali tad-deċizzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) 1/2003. Amazon għandha taħtar Fiduċjarju tal-Monitoraġġ sabiex jivverifika li hija tkun konformi mal-impenji tagħha.
- (16) Dawn l-impenji jinsabu ppubblikati kollha bl-Ingliż fuq is-sit web tad-Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni, fuq:
- http://ec.europa.eu/competition/index_en.html

4. STEDINA GĦALL-KUMMENTI

- (17) Wara li jsir l-ittestjar tas-suq, il-Kummissjoni beħsiebha tadotta deċizzjoni skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 li fiha tiddikjara li l-impenji mniżżlin fil-qosor hawn fuq u ppubblikati fuq l-internet fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni huma vinkolanti.
- (18) Skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar l-impenji proposti. Dawn il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn xahar wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. It- terzi persuni interessati huma wkoll mistiedna jippreżentaw verżjoni mhux kunfidenzjali tal-kummenti tagħhom, li fiha kwalunkwe informazzjoni li jiddikjaraw li hija sigriet kummerċjali u informazzjoni kunfidenzjali oħra għandha titħassar u tiġi ssostitwita kif xieraq b'sommarju mhux kunfidenzjali jew bil-kliem "sigriet kummerċjali" jew "kunfidenzjali".
- (19) Ir-risposti u l-kummenti għandhom preferibbilment ikunu motivati u għandhom jippreżentaw il-fatti rilevanti. Jekk tidentifika problema fi kwalunkwe parti tal-impenji proposti, il-Kummissjoni tistiednek ukoll biex tissuġġerixxi soluzzjoni possibbli.
- (20) Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bir-referenza AT.40153 E-book MFNs u kwistjonijiet relatati jew bl-email (COMP-GREFFE-ANTITRUST@ec.europa.eu), inkella bil-faks (+322 2950128) jew bil-posta, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Antitrust Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru ⁽¹⁾

(Pubblikazzjoni ta' titli u ta' referenzi ta' speċifikazzjonijiet Komunitarji skont ir-Regolament)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 26/03)

Organizzazzjoni	Referenza u titlu tal-ispeċifikazzjoni Komunitarja	Referenza tal-ispeċifikazzjoni Komunitarja sostitwita	Data tat-tmiem tal-preżunzjoni ta' konformità tal-ispeċifikazzjoni Komunitarja sostitwita
ETSI ⁽¹⁾	EN 303 213-1 V1.4.1 Sistema Avanzata ta' Gwida u ta' Kontroll tal-Moviment fuq l-Art (A-SMGCS); Parti 1: L-Ispeċifikazzjoni Komunitarja għall-applikazzjoni skont ir-Regolament 552/2004 dwar l-Interoperabbiltà tal-Ajru Uniku Ewropew għal A-SMGCS Livell 1, inklużi l-interfaċċi esterni	EN 303 213-1 V1.3.1	1-1 ta' Settembru 2017
ETSI	EN 303 213-2 V1.4.1 Sistema Avanzata ta' Gwida u ta' Kontroll tal-Moviment fuq l-Art (A-SMGCS); Parti 2: L-Ispeċifikazzjoni Komunitarja għall-applikazzjoni skont ir-Regolament 552/2004 dwar l-Interoperabbiltà tal-Ajru Uniku Ewropew għal A-SMGCS Livell 2, inklużi l-interfaċċi esterni	EN 303 213-2 V1.3.1	1-1 ta' Settembru 2017

⁽¹⁾ L-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni: 650 route des Lucioles, 06921 Sophia Antipolis Cedex, France, tel. +33 492944200, faks +33 493654716, <http://www.etsi.org>

⁽¹⁾ ĠUL 96, 31.3.2004, p. 26.

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità

Sejħa għall-offerti rigward l-operat ta' servizzi tat-trasport bl-ajru skedati għall-merkanzija u għall-posta, skont l-obbligi tas-servizz pubbliku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 26/04)

Stat Membru	Il-Portugall
Rotta	Lisbona-Terceira-Ponta Delgada-Lisbona jew Lisbona-Ponta Delgada-Terceira-Lisbona
Perjodu tal-validità tal-kuntratt	Tliet snin wara l-bidu tal-operat
Data ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet	63 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din is-sejħa
L-indirizz minn fejn jistgħu jinkisbu t-test tas-sejħa għall-offerti u kwalunkwe informazzjoni u/jew dokumentazzjoni rilevanti marbuta mal-offerta pubblika u mal-obbligi tas-servizz pubbliku	Id-dokumenti kollha huma disponibbli fuq http://www.saphety.com/en-GB/home kif ukoll mill-Awtorità Nazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili concurso.osp@anac.pt Għal aktar informazzjoni kkuntattja lil: Ministério do Planeamento e das Infraestruturas Gabinete do Secretário de Estado das Infraestruturas Av. Barbosa do Bocage nº5 – 2º andar 1049-039 LISBOA Email gab.infraestruturas@mpi.gov.pt

INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

L-ebda għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE

(2017/C 26/05)

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA hija tal-fehma li l-miżura li ġejja ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE:

Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni: Ll-24 ta' Ottubru 2016

Każ Nru: 79525

Deċiżjoni Nru: 193/16/COL

Stat EFTA: L-Iżlanda

Titlu (u/jew l-isem tal-benefiċjarju): Il-bejgħ tal-elettriku lil Norðurál

Bażi ġuridika: It-Tielet Emenda għall-kuntratt tal-elettriku konkluż fl-1997 bejn Landsvirkjun u Norðurál Grundartangi ehf.

Tip ta' miżura: L-ebda għajnuna mill-Istat

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet l-informazzjoni kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit web tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA:

<http://www.eftasurv.int/state-aid/state-aid-register/>.

V

(Avviżi)

PROCEDURE AMMINISTRATIVE

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

SEJĦA GĦAL PROPOSTI — EACEA 04/2017

taħt il-programm Erasmus+

KA 2 — Kooperazzjoni għall-Innovazzjoni u l-Iskambju ta' Prattiki Tajbin

L-Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali

(2017/C 26/06)

1. Għanijiet u deskrizzjoni

L-Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali għandhom l-għan li jindirizzaw id-diskrepanzi fil-ħiliet fir-rigward ta' profil okkupazzjonali wiehied jew aktar f'settur speċifiku. Huma jagħmlu dan billi jidentifikaw il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol eżistenti jew emerġenti speċifiċi għas-settur (in-naħa tad-domanda), u billi jsaħħu r-responsività ta' sistemi tal-ETV inizjali u kontinwi, fil-livelli kollha, għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol (in-naħa tal-provvista). Fuq il-bażi tal-evidenza dwar il-ħtiġijiet tal-ħiliet, l-Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali jappoġġjaw it-tfassil u t-twassil ta' kontenut ta' taħriġ vokazzjonali transnazzjonali, kif ukoll metodoloġiji ta' taħlim u ta' taħriġ għal profili professjonali ewlenin Ewropej.

L-Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali għal kooperazzjoni settorjali strateġika dwar il-ħiliet jidentifikaw u jiżviluppaw azzjonijiet konkreti biex iqabblu d-domanda u l-provvista ta' ħiliet biex jappoġġjaw l-istrateġija ġenerali tat-tkabbir speċifika għas-settur.

Il-proġetti jistgħu jilhqqu dawn l-għanijiet billi japplikaw għal wiehied minn dawn il-“Lottijiet” li ġejjin:

Lott 1 — L-Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet

Bil-għan li jidentifikaw u jipprovdu evidenza ddettaljata dwar il-ħtiġijiet u d-diskrepanzi fil-ħiliet f'settur ekonomiku speċifiku partikolari. Dan għandu jagħmilha possibbli li jiġu indirizzati tali diskrepanzi permezz tal-provvediment ta' taħriġ, kemm jekk dan ikun ibbażat fuq l-ETV kif ukoll fuq kwalunkwe settur ieħor tal-edukazzjoni u tat-taħriġ.

L-identifikazzjoni u d-definizzjoni ta' ħtiġijiet tal-ħiliet futuri jenħtieġ li jiġu appoġġjati minn riċerka dwar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol fis-settur. Il-ħtiġijiet tal-ħiliet għandhom jiġu identifikati għall-profil ta' okkupazzjoni rilevanti tas-settur, fuq il-bażi ta', fejn disponibbli, il-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi (ESCO). Fejn xieraq, dawn jenħtieġ li jagħmlu użu minn informazzjoni dwar il-ħiliet miġbura minn “Kunsilli ta' Ħiliet Settorjali Ewropej” u studji ta' ħiliet settorjali diġà eżistenti, inklużi riżultati ta' Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali preċedenti. Il-Panorama tal-Ħiliet tal-UE tipprovdi għadd kbir ta' informazzjoni dwar il-ħiliet, analiżi u studji dwar professjonijiet (impjiegi) u setturi: <http://skillspanorama.cedefop.europa.eu/en>

Jenħtieġ li tiġi organizzata kollaborazzjoni bejn atturi pubbliċi u privati dwar is-suq tax-xogħol (bħal ministeri tax-xogħol, sħab soċjali, fornituri tat-taħriġ u tal-edukazzjoni, entitatijiet ta' intelliġenza tas-suq tax-xogħol, kumpaniji inklużi l-SMEs, kmamar tal-kummerċ, servizzi tal-impjieg pubbliċi u privati u uffiċċji nazzjonali tal-istatistika) biex jiġu identifikati u antiċipati n-nuqqasijiet u n-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet persistenti fil-livell settorjali għal sett ta' profili okkupazzjonali. Huwa importanti li jiġu mmasimizzati s-sinerġiji ma' inizjattivi settorjali oħrajn.

Lott 2 — L-Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali għat-tfassil u t-twassil tal-ETV

Bil-għan li jirrispondu għad-diskrepanzi u l-ħtiġijiet tal-ħiliet identifikati f'settur ekonomiku speċifiku, billi jiġu żviluppati kurrikuli, kif ukoll metodoloġiji ta' twassil tat-tagħlim u tat-taħriġ. Il-kurrikuli u l-metodoloġiji ta' taħriġ jenħtieġ li jinkludu komponent ta' tagħlim b'saħħtu bbażat fuq ix-xogħol, u jappoġġjaw il-mobilità ta' student transnazzjonali.

Is-sħab ser ikollhom jinterpretaw evidenza ta' riċerka eżistenti dwar il-ħtiġijiet tal-ħiliet speċifiċi għall-professjoni meta jimplimentaw l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jew it-tfassil ta' standards ta' kwalifiki bbażati fuq profili okkupazzjonali, li jibbażaw, fejn disponibbli fuq l-ESCO. Fejn xieraq, dawn jenħtieġ li jibbażaw irwieħhom fuq l-informazzjoni dwar il-ħiliet miġbura minn "Kunsilli ta' Ħiliet Settorjali Ewropej" u studji ta' ħiliet settorjali diġà eżistenti, inklużi riżultati ta' Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali preċedenti. Il-Panorama tal-Ħiliet tal-UE tipprovdi għadd kbir ta' informazzjoni dwar il-ħiliet, analiżi u studji dwar professjonijiet (impjiegi) u setturi: <http://skills-panorama.cedefop.europa.eu/en>

It-tfassil u t-twassil ta' kurrikuli vokazzjonali jenħtieġ li jseguw l-prinċipji ewlenin li ġejjin: i) assigurazzjoni tal-kwalità, inklużi sistemi effettivi tal-intraċċar għall-istudent u ċirkwiti ta' feedback, ii) kurrikuli u kwalifiki li huma orjentati lejn ir-riżultati tat-tagħlim, iii) għoti li huwa modulari fil-fażijiet kollha tiegħu, iv) inklużi perjodi ta' tagħlim sinifikanti bbażati fuq ix-xogħol, v) inkorporazzjoni tal-esperjenza internazzjonali (il-mobilità tal-istudent, kif ukoll tal-għalliem u ta' min iħarreġ).

Is-sħab tal-Alleanza jenħtieġ li juru fil-proposta x'miżuri ser jieħdu fil-pajjiżi u fis-settur kopert għar-rikonoxximent formali tal-kurrikuli vokazzjonali ġodda jew adattati u tal-kwalifiki u kif ser isegwu r-riżultati tal-proġett wara li l-finanzjament tal-UE jkun spiċċa. L-Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali huma mistennija li jwettqu l-attivitajiet proposti b'mod li jimmassimizza l-impatt fuq impjeg wieħed jew diversi impjiegi relatati f'settur partikolari.

Lott 3 — L-Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali għall-implimentazzjoni ta' approċċ strateġiku ġdid ("Pjan ta' Azzjoni") għall-kooperazzjoni settorjali dwar il-ħiliet

Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Kooperazzjoni Settorjali dwar il-Ħiliet huwa wieħed mill-għaxar azzjonijiet fl-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa ⁽¹⁾. Dan għandu l-għan li jtejjeb l-informazzjoni dwar il-ħiliet u jipprovdi strateġija u strumenti ċari li jindirizzaw in-nuqqasijiet ta' ħiliet f'setturi ekonomiċi speċifiċi. Dan ser jiġi ppilotat f'sitt setturi: awtomobilistiku, difiża, teknoloġija marittima, informazzjoni ġeospazjali, tessut-ħwejjeġ-ġilda-żraben u turiżmu.

L-Alleanzi taħt Lott 3 ser jappoġġjaw l-implimentazzjoni tiegħu billi jiżviluppaw strateġiji ta' ħiliet settorjali. Strateġija settorjali għandha twassal għal impatt sistemiku u strutturali fuq it-tnaqqis ta' nuqqasijiet ta' ħiliet kif ukoll jiġu żgurati kwalità xierqa u livelli ta' ħiliet li jappoġġjaw it-tkabbir, l-innovazzjoni u l-kompetittività fis-settur. Din trid tinkludi sett ċar ta' attivitajiet, stadji u outputs definiti sew bil-għan li jitqabblu d-domanda u l-provvista ta' ħiliet biex jappoġġjaw l-istrateġija ġenerali tat-tkabbir speċifika għas-settur.

L-istrateġija għal ħiliet settorjali ser tikkontribwixxi biex tiżdied il-firxa tat-talenti u tappoġġja l-adattament tal-forza tax-xogħol għar-reqwiziti ta' żviluppi industrijali u tas-suq fis-settur, b'hekk tikkontribwixxi għall-kompetittività fit-tul tagħha. Attenzjoni partikolari ser tingħata għall-iżviluppi teknoloġiċi ġodda (eż. teknoloġiji diġitali u teknoloġiji abilitanti essenzjali).

L-għanijiet ta' Lott 1 (it-tbassir tad-domanda ta' ħiliet) u Lott 2 (ir-rispons għall-ħtiġijiet tal-ħiliet identifikati permezz tat-tfassil u t-twassil tal-ETV) għandhom jiġu inklużi fl-istrateġija għal ħiliet settorjali.

Is-sħab huma meħtieġa li jwaqqfu Alleanza fil-livell tal-UE għal settur għall-kooperazzjoni dwar il-ħiliet u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konkreti mmexxija mid-domanda. L-Alleanza ser tkun immexxija mill-industrija u ser tinkludi partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn, bħall-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, is-sħab soċjali, ir-raggruppamenti u n-netwerks, l-istituti ta' riċerka, il-korpi tal-istatistika, is-servizzi tal-impjeg, u l-awtoritajiet ta' kwalifika (kull meta jkun possibbli).

⁽¹⁾ http://ec.europa.eu/growth/tools-databases/newsroom/cf/itemdetail.cfm?item_id=8848&lang=mt

2. Kriterji ta' eliġibbiltà

Lott 1:

L-Alleanza tal-Ħiliet Settorjali trid tkopri mill-inqas 12-il Pajjiż tal-Programm u tinkludi mill-inqas 2 organizzazzjonijiet, li minnhom mill-inqas 1 tirrappreżenta l-industrija u mill-inqas 1 tirrappreżenta l-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

L-organizzazzjonijiet parteċipanti eliġibbli huma:

- sħab soċjali Ewropej u/jew nazzjonali;
- ministeri tax-xogħol jew korpi assoċjati (aġenziji jew kunsilli);
- servizzi tal-impjieg pubbliċi jew privati;
- istituti ta' riċerka tas-suq tax-xogħol, uffiċċji nazzjonali tal-istatistika;
- intrapriżi pubbliċi jew privati, żgħar, medji jew kbar (inklużi intrapriżi soċjali);
- aġenziji tal-iżvilupp ekonomiku;
- kmamar tal-kummerċ, tal-industrija jew tax-xogħol;
- assoċjazzjonijiet settorjali jew professjonali tal-impjegaturi jew tal-impjegati, kmamar tas-snaġja' b'ħiliet;
- organizzazzjonijiet umbrella settorjali Ewropej jew nazzjonali;
- fornituri tat-taħriġ jew l-edukazzjoni fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali;
- istituti ta' riċerka bbażati fuq is-settur;
- korpi li jipprovdu gwida għall-karriera, konsulenza professjonali u servizzi ta' informazzjoni;
- awtoritajiet pubbliċi responsabbli għall-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell reġjonali jew nazzjonali;

Lott 2:

L-Alleanza tal-Ħiliet Settorjali trid tkopri mill-inqas 4 Pajjiżi tal-Programm u tinkludi mill-inqas 8 organizzazzjonijiet, li minnhom mill-inqas 3 huma intrapriżi, rappreżentanti tal-industrija jew tas-settur (eż. kmamar jew korpi kummerċjali), u mill-inqas 3 huma fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

L-organizzazzjonijiet parteċipanti eliġibbli huma:

- intrapriżi pubbliċi jew privati (inklużi intrapriżi soċjali) b'mod partikolari dawk li għandhom dipartiment tat-taħriġ tagħhom stess, dawk li jipprovdu l-apprendistati, u dawk li jipprovdu taħriġ kondiviż (taħriġ kollaborattiv);
- organizzazzjonijiet tal-UE jew nazzjonali li jirrappreżentaw l-industrija, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, organizzazzjonijiet settorjali rilevanti;
- fornituri pubbliċi jew privati tal-ETV, inklużi ċentri għat-taħriġ bejn il-kumpaniji u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja li jipprovdu l-ETV;
- networks tal-fornituri tal-ETV u organizzazzjonijiet Ewropej jew nazzjonali li jirrappreżentawhom;
- awtoritajiet tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ fil-livell reġjonali jew nazzjonali, u l-Ministeri;
- organizzazzjonijiet jew networks – fil-livell tal-UE jew nazzjonali – li jirrappreżentaw is-sħab soċjali, l-industrija, l-organizzazzjonijiet settorjali, il-professjonijiet u l-partijiet ikkonċernati tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inklużi l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh;
- kmamar tal-kummerċ, tal-industrija, tas-snaġja' b'ħiliet jew tax-xogħol, u korpi intermedjarji oħrajn;
- kunsilli tal-ħiliet settorjali;
- aġenziji ta' żvilupp ekonomiku, korpi tal-istatistika u istituti ta' riċerka;
- korpi kulturali u/jew kreattivi;

- korpi li jipprovdu gwida għall-karriera, konsulenza professjonali, servizzi ta' informazzjoni u servizzi tal-impjieg;
- korpi ta' akkreditazzjoni, ċertifikazzjoni, rikonoxximent jew ta' kwalifika (korpi b' "funzjoni regolatorja").

Lott 3:

L-Alleanza tal-Ħiliet Settorjali trid tkopri mill-inqas 6 Pajjiżi tal-Programm u tinkludi mill-inqas 12-il organizzazzjoni, li minnhom mill-inqas 5 huma intrapriżi, rappreżentanti tal-industrija jew tas-settur (eż. kmamar jew korpi kummerċjali), u mill-inqas 5 huma fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

L-organizzazzjonijiet parteċipanti eliġibbli huma:

- intrapriżi pubbliċi jew privati attivi fis-setturi piloti magħżulin speċjalment dawk li għandhom dipartiment tat-taħriġ tagħhom stess, dawk li jipprovdu l-apprendistati, u dawk li jipprovdu taħriġ kondiviż (taħriġ kollaborattiv);
- organizzazzjonijiet tal-UE jew nazzjonali li jirrappreżentaw l-industrija, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, organizzazzjonijiet settorjali rilevanti;
- fornituri pubbliċi jew privati tal-edukazzjoni jew it-taħriġ, inklużi ċentri għat-taħriġ u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja (u akkademji militari tas-settur tad-difiża);
- networks tal-fornituri tal-edukazzjoni jew it-taħriġ u organizzazzjonijiet Ewropej jew nazzjonali li jirrappreżentawhom;
- awtoritajiet responsabbli għall-edukazzjoni u t-taħriġ jew l-impjieg, fil-livell reġjonali jew nazzjonali, u l-Ministeri relatati;
- organizzazzjonijiet jew networks – fil-livell tal-UE jew nazzjonali – li jirrappreżentaw is-sħab soċjali, l-industrija, l-organizzazzjonijiet settorjali, il-professjonijiet u l-partijiet ikkonċernati tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inklużi l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh;
- kmamar tal-kummerċ, tal-industrija, tax-xogħol u korpi intermedjarji settorjali rilevanti oħrajn;
- kunsilli tal-ħiliet settorjali;
- aġenziji ta' żvilupp ekonomiku, korpi tal-istatistika u istituti ta' riċerka;
- korpi li jipprovdu gwida għall-karriera, konsulenza professjonali, servizzi ta' informazzjoni u servizzi tal-impjieg;
- korpi ta' akkreditazzjoni, ċertifikazzjoni, rikonoxximent jew ta' kwalifika (korpi b' "funzjoni regolatorja").
- korpi li jirrappreżentaw l-awtoritajiet rilevanti fil-livell reġjonali u nazzjonali.

Il-pajjiżi eliġibbli huma:

Il-pajjiżi tal-Programm Erasmus+:

- it-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea,
- Pajjiżi tal-Programm li mhumiex fl-UE: l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, it-Turkija.

3. Attivitàjiet eliġibbli

Il-proposta għandha tkopri sett ta' attivitàjiet u outputs koerenti u komprensiv kif stabbilit hawn taħt għal kull Lott u kif inhu rilevanti għas-settur ikkonċernat.

Għat-tliet Lottijiet kollha, trid tingħata attenzjoni partikolari għall-ħiliet diġitali peress li huma qed isiru dejjem aktar importanti fil-profil kollha tax-xogħol fis-suq tax-xogħol kollu. Dan jenħtieġ li jsir b'sinerġija mal-Koalizzjoni għall-Ħiliet u l-Impjieg Diġitali għida u l-isforzi biex jiġu promossi l-ħiliet għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali (KETs). Barra minn hekk, it-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari jeħtieġ li tiġi appoġġjata mill-bidliet fil-kwalifiki u l-kurrikuli nazzjonali sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet professjonali emerġenti għall-"ħiliet ekoloġiċi".

Lott 1: L-Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet

Definizzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet u tal-provvediment ta' taħriġ f'settur ekonomiku speċifiku partikolari:

- il-għbir u l-interpetazzjoni tal-evidenza tal-ħtiġijiet tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol f'settur ekonomiku partikolari, inkluż fuq il-bażi tal-Panorama tal-Ħiliet (eż. it-tbassir tal-ħiliet Cedefop, data tal-istħarriġ varja, punti ewlenin analitiċi) u, fejn rilevanti, fuq ix-xogħol tal-Kunsilli ta' Ħiliet Settorjali Ewropej jew l-Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali preċedenti;
- l-analiżi tax-xejriet u l-isfidi li jsawru s-settur u s-suq tax-xogħol tiegħu b'fokus fuq xpruni għal bidla li jistgħu jinfluwenzaw id-domanda u l-provvista ta' ħiliet fis-settur (eż. l-awtomazzjoni, id-demografija);
- fuq il-bażi tal-attivitajiet ta' hawn fuq, il-provvediment ta' valutazzjoni ddettaljata tan-nuqqasijiet, id-diskrepanzi u n-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet attwali u antiċipati fis-settur (kemm il-ħiliet speċifiċi għax-xogħol kif ukoll il-ħiliet personali), kif ukoll il-ħtieġa li jiġu riveduti l-profilu okkupazzjonali, tiġi indikata l-prijorità li fiha huma jenħtieġ li jiġu indirizzati, fuq il-bażi, i fost l-oħrajn, tal-impatt tagħhom fuq il-potenzjal tat-tkabbir u l-kompetittività fis-settur u fuq l-impjieġ (eż. telf ta' impjieġ probabbli, pożizzjonijiet vakanti li diffiċli biex jimtlew).
- l-analiżi tal-impatt potenzjali ta' tali ħtiġijiet tal-ħiliet fuq it-tkabbir u l-impjieġ fis-settur;
- l-analiżi ta' xejriet ewlenin li jaffettwaw is-setturi interrelatati mill-qrib, sabiex jiġu koperti l-effetti konsegwenzjali potenzjali;
- l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet f'termini tal-provvediment tat-taħriġ, fuq il-bażi ta', fejn disponibbli, il-profilu okkupazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-ESCO;
- it-twassil tal-evidenza kwalitattiva u d-data kwantitattiva rilevanti kollha fil-livell tal-UE u/jew tal-pajjiż dwar il-ħiliet, l-impjieġi u l-prestazzjoni ekonomika tas-settur f'forma elettronika, f'format ta' data miftuħa marbut, sabiex tkun tista' tiddaħħal fil-Panorama tal-Ħiliet (<http://skillspanorama.cedefop.europa.eu/en>).

Lott 2 — L-Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali għat-tfassil u t-twassil tal-ETV

Tfassil ta' kurrikuli vokazzjonali transnazzjonali għas-settur kollu:

- fuq il-bażi ta' ħtiġijiet tal-ħiliet identifikati għal profili ta' okkupazzjoni speċifiċi f'settur ekonomiku partikolari, jiġu identifikati u mfassla l-kurrikuli tal-ETV jew l-istandards ta' kwalifika (f'konformità mal-QEK u infurmat mill-ESCO), sabiex iwieġbu għal dawk il-ħtiġijiet;
- il-ħtiġijiet tal-ħiliet jissarrfu fi programmi u/jew kwalifiki modulari tal-ETV innovattivi u orjentati lejn ir-riżultati tat-tagħlim (l-applikazzjoni tal-ECVET għat-tfassil ta' kwalifiki magħmulin minn unitajiet ta' riżultati tat-tagħlim), sabiex ikun hemm trasparenza u komparabilità, filwaqt li jitqiesu wkoll il-ħtiġijiet ta' validazzjoni ta' tagħlim preċedenti (eż. mhux formali jew informali);
- l-applikazzjoni ta' ġestjoni tal-kwalità għall-kontenut ta' taħriġ ġdid jew billi jiġu applikati l-prinċipji tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-EQAVET jew billi jintużaw sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità diġà eżistenti li, madankollu, jenħtieġ li jkunu konformi mal-EQAVET;
- l-integrazzjoni tal-perjodi ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol fil-kontenut ta' taħriġ ġdid, inklużi l-opportunitajiet biex l-għarfien jiġi applikat f'sitwazzjonijiet prattiċi fuq il-post tax-xogħol tal-“ħajja reali” u l-inkorporazzjoni ta' esperjenza ta' tagħlim transnazzjonali kull meta jkun possibbli;
- it-tfassil tal-provvediment tal-ETV jiffoka kemm fuq il-ħiliet speċifiċi tax-xogħol kif ukoll fuq kompetenzi ewlenin, ħiliet personali, u dixxiplini STEM (ix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika), filwaqt li jiġu pprovduti opportunitajiet effettivi sabiex jinkisbu jew jiġu żviluppati dawk il-kompetenzi, b'mod partikolari f'kuntesti ta' taħriġ relatati max-xogħol;
- il-promozzjoni ta' kwalifiki settorjali tal-ETV rilevanti (inklużi programmi konġunti transnazzjonali li jingħataw minn aktar minn fornitur tal-ETV wieħed), u jiġi appoġġjat il-ftehim għar-rikonoxximent tagħhom billi jiġu implimentati l-prinċipji tal-ECVET, u r-referenzar tal-kwalifiki għall-NQFs u l-QEK kif ukoll għodod u strumenti Ewropej rilevanti oħrajn fis-settur ikkonċernat;

- iż-żieda fir-rikonnoxximent tal-kwalifiki fil-livell Ewropew u nazzjonali f'settur, billi jiġu promossi u jsir qbil dwar il-kwalifiki settorjali, tiġi ffaċilitata ċ-ċertifikazzjoni transkonfinali, u tinbena fiduċja reċiproka, li jikkontribwixxu għal aktar mobiltà tal-istudent u dik professjonali fis-settur;
- l-identifikazzjoni, id-dokumentazzjoni u l-promozzjoni ta' ħiliet jew kwalifiki ta' suċċess relatati ma' proġetti u pratiki tajbin, kif ukoll dawk li jrawmu shubij magħmulin minn bosta partijiet ikkonċernati, inklużi minn setturi oħrajn jew minn barra l-Ewropa u jsiru proposti ddettaljati sabiex ikunu jistgħu jiġu rreplikati jew isiru fuq skala differenti, fejn rilevanti;
- fejn rilevanti, jiġi żgurat li r-riżultati tal-proġett ikunu disponibbli f'format ta' data miftuħa sabiex dawn ikunu jistgħu jiddaħħlu fil-Panorama tal-Ħiliet u l-ESCO.

It-twassil ta' kurrikuli vokazzjonali:

- l-identifikazzjoni tal-aktar metodoloġiji ta' twassil xierqa għall-kurrikuli, billi jintużaw approċċi innovattivi għat-tagħlim (teaching and learning), kif ukoll użu strateġiku u integrat tal-ICTs (eż. tagħlim imħallat, simulaturi, eċċ.), u riżorsi edukattivi miftuħa (eż. MOOCs, u VOOCS);
- l-identifikazzjoni ta' modi biex jiġu implimentati metodi innovattivi ta' tagħlim tal-ETV biex iwieġbu għall-ħtiġijiet ta' gruppi fil-mira speċifiċi tal-istudenti; u permezz tal-provvediment ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol;
- l-iżvilupp ta' azzjonijiet biex jiffaċilitaw it-trasferiment bejn il-ġenerazzjonijiet tal-għarfien fl-ETV;
- id-deskrizzjoni tal-modi dwar kif il-metodoloġiji u l-proċeduri tal-valutazzjoni jistgħu jinkorporaw il-forom kollha tat-tagħlim, inkluż it-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol u jiffaċilitaw il-validazzjoni tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba qabel it-taħriġ;
- l-identifikazzjoni ta' miżuri adegwati biex jintraċċaw l-istudenti wara li jkun lestejw it-taħriġ tagħhom sabiex jiġu pprovduti "ċirkwiti ta' feedback". Dawn is-sistemi ta' intraċċar u ta' feedback jistgħu jibnu fuq l-informazzjoni minn kumpaniji, studenti/impjegati, kif ukoll riżorsi tal-informazzjoni pubblika u partijiet ikkonċernati tas-suq tax-xogħol;
- jiġu proposti l-miżuri xierqa għar-rikonnoxximent formali tal-kurrikuli vokazzjonali ġodda jew adattati u tal-kwalifiki fil-pajjiżi parteċipanti u fis-settur(i) koperti;
- l-ippjanar tal-implimentazzjoni progressiva tar-riżultati tal-proġett li jwasslu għal impatt sistemiku.

Lott 3 — L-Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali għall-implimentazzjoni ta' approċċ strateġiku ġdid ("Pjan ta' Azzjoni") għall-kooperazzjoni settorjali dwar il-ħiliet

L-Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali taħt dan il-Lott għandhom jistabbilixxu kooperazzjoni sostenibbli dwar l-iżvilupp tal-ħiliet bejn il-partijiet ikkonċernati tal-industrija ewlenin f'settur partikolari, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-awtoritajiet pubbliċi.

L-alleanzi għandhom jiżviluppaw strateġija ta' ħiliet settorjali biex tappoġġja l-għanijiet tal-istrateġija tat-tkabbir stabbilita għas-settur. Din l-istrateġija jenħtieġ li tkun l-ewwel riżultat ewlieni tal-proġett, li jidentifika l-azzjonijiet konkreti u jindika sett ċar ta' attivitajiet, stadji u outputs definiti sew, sabiex tissuġġerixxi kif isir tqabbil bejn id-domanda u l-provvista ta' ħiliet.

L-istrateġija jenħtieġ li tagħti dettalji dwar kif xejriet ewlenin, bħal żviluppi globali, soċjali, u teknoloġiċi fis-settur, x'aktarx li jaffettwaw l-impjegji u l-ħiliet meħtieġa. Din jenħtieġ li tiddeskrivi l-iskeda ta' żmien mistennija u tagħti attenzjoni partikolari għall-impatt ta' teknoloġiji diġitali u teknoloġiji abilitanti essenzjali.

L-Alleanzi f'dan il-Lott ikopru l-attivitajiet tal-Lott 1 (kif xieraq għas-settur) u Lott 2. B'mod partikolari, huma għandhom ikopru l-attivitajiet li ġejjin:

- il-provvediment ta' valutazzjoni ddettaljata tan-nuqqasijiet, id-diskrepanzi u n-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet attwali u antiċipati fis-settur, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu riveduti l-profil okkupazzjonali, tiġi indikata l-prijorità li fiha huma jenħtieġ li jiġu indirizzati, fuq il-bażi, fost l-oħrajn, tal-impatt tagħhom fuq il-potenzjal tat-tkabbir u l-kompetittività fis-settur u fuq l-impjeg (eż. telf ta' impjeg probabbli, pożizzjonijiet vakanti li diffiċli biex jimtlew).

- l-iżvilupp ta' metodoloġija komuni għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni attwali u l-antiċipazzjoni ta' ħtiġijiet futuri kif ukoll il-monitoraġġ (fuq bażi annwali) tal-progress u l-evoluzzjoni tad-domanda u l-provvista ta' ħliet ibbażati fuq xenarji ta' previżjoni kredibbli;
 - l-identifikazzjoni ta' profili okkupazzjonali li jeħtieġu jiġu rriveduti jew jinħolqu u l-ħtiġijiet tal-ħliet korrispondenti tagħhom kif ukoll il-livell ta' profiċjenza meħtieġ, fuq il-bażi ta', fejn disponibbli, il-profilu okkupazzjonali fl-ESCO u l-oqfsa ta' kompetenza eżistenti; fejn rilevanti, jista' jitqies l-iżvilupp ta' oqfsa ta' kompetenza settorjali;
 - l-identifikazzjoni, id-deskrizzjoni u l-indikazzjoni tal-prijoritajiet għar-reviżjoni jew l-istabbiliment ta' kwalifiki ġodda fuq il-bażi tal-profilu okkupazzjonali rilevanti;
 - it-trawwim tal-iżvilupp ta' soluzzjonijiet konkreti fil-provvediment tal-ETV (inkluż ETV ogħla) kif ukoll sħubiji ta' negozju-edukazzjoni-riċerka;
 - l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet konkreti biex tiġi promossa l-mobilità ta' studenti vokazzjonali, persuni li qed ifittxu impjieg u *trainees* madwar l-Ewropa fis-settur, il-kapitalizzazzjoni fuq l-użu ta' għodod tal-UE eżistenti (eż. Erasmus+, EURES, Drop'Pin, Alleanza Ewropea għall-Apprendistati);
 - l-iżvilupp ta' azzjonijiet li jippromwovu l-attrazzjoni tas-settur bħala għażla ta' karriera, b'mod partikolari fost iż-żgħirażi filwaqt li jimmiraw ukoll li jkun hemm bilanċ bejn is-sessi fis-settur;
 - it-tfassil ta' *pjan ta' azzjoni* fit-tul immexxi mill-industrija għall-implimentazzjoni progressiva tar-riżultati tal-proġett wara li l-proġett ikun lest. Dan il-pjan għandu jkun ibbażat fuq sħubiji sostnuti bejn il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-partijiet ikkonċernati tal-industrija ewlenin fil-livell xieraq. Dan jenħtieġ li jinkludi l-identifikazzjoni tal-istrutturi ta' governanza xierqa, kif ukoll pjanijiet għall-iskalabbiltà u s-sostenibbiltà finanzjarja. Dan jenħtieġ li jiżgura wkoll il-viżibbiltà xierqa u d-disseminazzjoni wiesgħa tax-xogħol tal-Alleanza, inkluż fil-livell politiku tal-UE u dak nazzjonali u jinkludi dettalji dwar kif l-implimentazzjoni ser tiġi implimentata fil-livelli nazzjonali u/jew reġjonali mal-awtoritajiet governattivi u settorjali rilevanti;
- Il-pjan ta' azzjoni għandu jindika wkoll kif l-oportunitajiet ta' finanzjament tal-UE (eż. Fondi Strutturali Ewropej, Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku, Erasmus+, COSME, programmi settorjali), kif ukoll finanzjament nazzjonali u reġjonali jistgħu jappoġġjaw strateġiji ta' ħliet. Dan jenħtieġ li jqis l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti nazzjonali u reġjonali. Il-mudelli jistgħu jiġu żviluppati fuq il-bażi ta' eżempji tajbin biex jippromwovu użu ffukat ta' tali finanzjament, inklużi impjegati b'ħliet imtejba;
- it-twassil tal-evidenza kwalitattiva u d-data kwantitattiva rilevanti kollha fil-livell tal-UE u/jew tal-pajjiż skont format ta' data miftuħa marbut.

4. Kriterji tal-għoti

L-applikazzjonijiet eliġibbli ser jiġu vvalutati abbażi tal-kriterji li ġejjin:

1. Ir-rilevanza tal-proġett (massimu 25 punt – limitu minimu 13-il punt)
2. Il-kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett (massimu 30 punt - limitu minimu 16-il punt)
3. Il-kwalità tat-tim tal-proġett u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni (massimu 25 punt - limitu minimu 13-il punt)
4. L-impatt u d-disseminazzjoni (massimu 20 punt - limitu minimu 11-il punt)

Il-limitu għall-proposti li għandhom jitressqu quddiem il-kumitat tal-evalwazzjoni għandu jkun minimu ta' 70 punt (minn total ta' 100 punt).

5. Baġit

Il-baġit totali allokat għall-kofinanzjament tal-proġetti huwa stmat għal EUR 28 miljun (miljun euro għal-Lott 1, EUR 3 miljun għal-Lott 2 u EUR 24 miljun għal-Lott 3).

Għal-Lott 1 kull għotja ser tammonta għal bejn EUR 330 000 u EUR 500 000. L-Aġenzija qed tistenna li tiffinanzja madwar 3 propositi.

Għal-Lott 2 kull għotja ser tammonta għal bejn EUR 700 000 u EUR 1 000 000. L-Aġenzija qed tistenna li tiffinanzja madwar 4 propositi.

Għal-Lott 3 kull għotja ser tammonta għal massimu ta' EUR 4 000 000. L-Aġenzija qed tistenna li tiffinanzja madwar 6 proposti. Tista' tintgħażel proposta waħda biss għal kull settur pilota.

L-Aġenzija tirriżerva d-dritt li ma tqassamx il-fondi kollha disponibbli.

6. Data ta' skadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet għandhom jitressqu sa mhux aktar tard mit-**2 ta' Mejju 2017 f'12:00 nofsinhar (ħin ta' Brussell)**.

7. Dettalji sħaħ

Il-linji gwida flimkien mal-formola elettronika ta' applikazzjoni jinsabu fl-indirizz tal-Internet li ġej:

https://eacea.ec.europa.eu/erasmus-plus/funding/sector-skills-alliances-2017_en

L-applikazzjonijiet għandhom ikunu konformi mat-termeni kollha tal-linji gwida.

PROĊEDURI TAL-QORTI

QORTI TAL-EFTA

Talba għal Opinjoni Konsultattiva mill-Qorti tal-EFTA minn Norges Høyesterett ddatata d-19 ta' Frar 2016 fil-Kawża ta' SKI Taxi SA, Follo Taxi SA og Ski Follo Taxidrift AS vs staten v/Konkurransetilsynet

(Kawża E-3/16)

(2017/C 26/07)

Saret talba lill-Qorti tal-EFTA ddatata d-19 ta' Frar 2016 minn Norges Høyesterett (il-Qorti Suprema tan-Norveġja), li waslet fir-Reġistru tal-Qorti fl-24 ta' Frar 2016, għal Opinjoni Konsultattiva fil-kawża ta' Ski Taxi SA, Follo Taxi SA og Ski Follo Taxidrift AS vs staten v/Konkurransetilsynet fuq il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. X'inhu t-test legali meta jiġi ddeterminat jekk l-akkordju bejn l-impriża jkollux l-iskop li jirrestrinġi l-kompetizzjoni fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 53 taż-ŻEE?
 - (a) F'dan il-kuntest, huwa biżżejjed, sabiex l-aġir ikun jista' jiġi kkwalifikat bħala ksur bi skop skont l-Artikolu 53 taż-ŻEE, li l-kooperazzjoni tkun tista' tirrestrinġi l-kompetizzjoni?
 2. X'inhu l-portata ġuridika għall-konsiderazzjoni ta' jekk aġir ikunx jikkostitwixxi ksur bi skop, li tali kooperazzjoni tkun seħħet b'mod miftuħ fil-konfront tal-awtorità kontraenti?
 3. Liema kriterji legali għandhom jiġu enfasizzati b'mod partikolari meta jkun qed jitqies jekk il-kooperazzjoni li tieħu l-forma ta' żewġ kumpaniji li jikkompetu, li jissottomettu offerta konġunta permezz ta' impriża konġunta, u fejn iż-żewġ impriżi għandhom ikunu sottokuntratturi għall-impriża konġunta, għandhiex titqies li tikkostitwixxi ksur bi skop?
-

Talba għal Opinjoni Konsultattiva mill-Qorti tal-EFTA mill-Bord tal-Appell Norveġiż għal Drittijiet tal-Proprietà Industrijali tat-22 ta' Marzu 2016 fil-każ ta' appell mill-Muniċipalità ta' Oslo

(Il-Kawża E-5/16)

(2017/C 26/08)

Saret talba lill-Qorti tal-EFTA bid-data tat-22 ta' Marzu 2016 mill-Bord tal-Appell Norveġiż għal Drittijiet tal-Proprietà Industrijali (Klagenemnda for industrielle rettigheter), li waslet fir-Reġistru tal-Qorti fl-31 ta' Marzu 2016, għal Opinjoni Konsultattiva fil-każ ta' appell mill-Muniċipalità ta' Oslo dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Tista' r-reġistrazzjoni ta' trejdmak ta' xogħlijiet bid-drittijiet tal-awtur, li l-perjodu ta' protezzjoni tagħha jkun skada, taħt ċerti ċirkostanzi, tmur kontra l-projbizzjoni fl-Artikolu 3(1)(f) tad-Direttiva dwar it-Trejdmaks għar-reġistrazzjoni ta' trejdmaks li jkunu kuntrarji għall-“ordni pubbliku jew għal ... prinċipji aċċettati tal-moralità”?
2. Jekk il-mistoqsija 1 titwieġeb fl-affermattiv, din ikollha impatt fuq il-valutazzjoni li x-xogħol bid-dritt tal-awtur ikun magħruf sew u ta' valur kulturali kbir?
3. Jekk il-mistoqsija 1 titwieġeb fl-affermattiv, jistgħu fatturi jew kriterji oħra minbarra dawk imsemmija fil-mistoqsija 2 ikollhom impatt fuq il-valutazzjoni, u, jekk iva, liema?
4. L-Artikolu 3(1)(e) (iii) tad-Direttiva 2008/95/KE applikabbli għal rappreżentazzjonijiet bidimensjonali ta' skulturi?
5. L-Artikolu 3(1)(c) tad-Direttiva 2008/95/KE huwa applikabbli bħala awtorità legali għar-rifjut tat-trejdmaks li jkunu rappreżentazzjonijiet bidimensjonali jew tridimensjonali tal-forma jew tad-dehra tal-prodotti?
6. Jekk il-mistoqsija 5 titwieġeb fl-affermattiv, l-Artikolu 3(1)(b) u (c) tad-Direttiva 2008/95/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-awtorità nazzjonali tar-reġistrazzjoni, fil-valutazzjoni ta' trejdmaks li jikkonsistu f'rappreżentazzjonijiet bidimensjonali jew tridimensjonali tal-forma jew tad-dehra tal-prodotti, għandha tapplikaw il-kriterju ta' verifika ta' jekk il-forma inkwistjoni b'mod sinifikanti, titbiegħed min-norma jew mill-użanzi tas-settur tan-negozju, jew ir-raġunijiet għal rifjut jistgħu jkunu li tali trejdmak hija deskrittiva mill-għamla jew id-dehra ta' prodotti?

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8347 — EQT Fund Management/Getec Energie Holding/Getec Target Companies)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 26/09)

1. Fit-18 ta' Jannar 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha EQT Fund Management Sàrl. ("EQT", il-Lussemburgu) takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ma' Getec Energie Holding GmbH ("GEH GmbH", il-Ġermanja) ta' (i) Getec Heat & Power AG; (ii) Getec Wärme & Effizienz AG; (iii) Getec Media AG; (iv) Getec shared services GmbH; (v) Getec Contracting GmbH (flimkien, "Getec Target Companies", il-Ġermanja), permezz ta' bejgħ u xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- EQT hija fond ta' investiment li jfittex li jagħmel investimenti fl-infrastruttura u assi marbutin mal-infrastruttura u n-negozji fl-Ewropa ta' Fuq, l-Ewropa Kontinentali u l-Amerika ta' Fuq;
- GEH GmbH hija attiva f'servizzi ta' enerġija fir-rigward tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija, waqt li tottimizza l-provvista tal-enerġija tal-klijenti fil-forma ta' sħana, fwar, tkessiġ u elettriċità;
- Getec Targets huma speċjalizzati fil-kuntratti tal-enerġija fil-Ġermanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8347 — EQT Fund Management/Getec Energie Holding/Getec Target Companies, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

